MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tat-8 ta' April, 2015

Numru. 109/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Żammit)**

**vs**

**Bryan Seguna**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra Bryan Seguna, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 406188M fejn ġie akkużat talli b'diversi atti magħmulin ukoll fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u ċjoe talli nhar s-26 t'Ottubru 2014 u/jew fiż-żminijiet oħra jew f'ħinijiet oħra mill-fond 207 li jinsab fi Triq Lampuka, Ħal-Tarxien u/jew f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra ikkommettew serq ta' linef u/jew oġġetti oħra liema serq hu aggravat bil-mezz, lok u valur u li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija disa' u għoxrin euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2329.37) għad-detriment ta' Gordon Bonello minn Ħal-Tarxien u/jew persuni oħra.

Ukoll talli fl-istess ċirkostanzi fix-xahar t'Ottubru 2014 laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, u 1joe' pitturi u fwarniċi, linef u/jew oġġetti oħra meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indaħal sabiex ibieħhom jew imexxihom.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament wara li ppremetta li t-tieni imputazzjoni kienet qed tiġi addebitata lill-imputata bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni iżda li kien ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu stante li kif stqarr l-Uffiċjal

Prosekutur din it-tieni imputazzjoni kienet qegħda tiġi kontestata bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi. Wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputat;

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena u senjatament lill-Uffiċjal Prosekutur jiddikjara illi r-refurtiva ġiet kollha rritornata lis-sidien tagħha, li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija fl-istadju investigattiv, li

rriżultalu wkoll li l-imputat ma kienx il-moħħ wara s-serqa iżda li ġie wżat minn nies oħrajn li fil-fatt effettivament kienu wetqu s-serqa in kwistjoni, kif ukoll illi f'dan il-każ l-imputat irreġistra ammissjoni bikrija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u li fil-fatti speċi tal-kaz il-Pulizija ma kienetx qed tinsisti għal imposizzjoni ta' piena karċerarja f'dan il-każ.

L-Avukat Difensur filwaqt li aderixxa mas-sottomissjonijiet tal-Ispettur Zammit, zied illi l-fedina penali tal-imputat kienet waħda netta, kif ukoll illi l-imputat minbarra illi kellu impieg fiss, illum il-ġurnata kellu wkoll is-support sħiħ mill-familjari tiegħu li kienu qiegħdin jgħinuh ukoll sabiex ma jerġax jiddelinkwi.

***<u>GĦALDAQSTANT</u>***

Il-Qorti fid-dawl tad-dikjarazzjoni magħmula mill-uffiċjal Prosekutur fis-sens illi t-tieni imputazzjoni ġiet ikkontestata bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni għat-tieni imputazzjoni, filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-Artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda ssib lil imputat Bryan Seguna ħati tat-tieni imputazzjoni u fid-dawl tal-fattispeċi tal-każ nonche' taċ-ċirkostanzi inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, hija tal-fehma li ma jkunx spedjenti li twaħħal piena u għalhekk qiegħda ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tagħmel ordni li permezz tagħha

tillibera lil ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor matul il-perjodu ta' tliet snin mid-data ta' din l-ordni.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta′ Malta, il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata wara li fehmet li l-ħati li jekk matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata huwa jikkommetti xi reat ieħor huwa jkun jista' jingħata s-sentenza għar-reat oriġinali.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------